# Warda midbiela

"IL-WARDA li għandek fil-pavru tal-ġlekk midbiela; għax ma tibdilhiex, Twani?"

"Għandek raġun, Lina", wieġeb hu fil-waqt li qata' warda aktar f'saħħitha u rema l-midbiela. "Sabiħ issa?"

"Eh, issa aħjar", qalet hi titbissem fil-waqt li resqet kemxejn lejh, u serrħet rasha fuq spalltu. "Kemm inħobbok Twan. Ma nafx x'naqbad nagħmel mingħajrek."

Ta' spiss kienu jqattgħu għaxijiet sħaħ hekk. Twani u Lina kienu żewġ żgħażagħ fuq ruħhom li, tista' tgħid, trabbew ma' xulxin. Hekk kif kibru, il-ħbiberija tbiddlet f'ħaġa oħra. Għal Lina, li kienet idealista, saret imħabba; għal Twani li kien prattiku, saret ġibda ħelwa. Kienu draw ma' nżul ix-xemx jintasbu ma' ġenb xulxin fuq bank tal-ġebel, għas-satra ta' siġra kbira, u jedhew iż-żmien fi kliem ta' mħabba. Hi, l-għaxqa tagħha jkollha lil Twani ħdejha meta toqgħod tifli s-sbuħija taxxemx għajjiena tinħeba qajla qajla f'ħobb il-għoljiet kaħlana, u s-siġar jiswiedu quddiem sema ħamrani. Hu, min-naħa l-oħra, jogħxa jilmaħ l-ilwien ta' nżul ix-xemx jilagħbu fuq wiċċ Lina u lil xuxitha titliegħeb maż-żiffa friska u tgħarrax 'il ħaddejh. Il-leħen mitfi ta' qanqiena ta' knisja midfuna f'raħal żgħir kien jasal maż-żiffa u jqajjimhom. Kliemhom kien dejjem l-istess, iżda qatt ma kienu jixbgħu jisimgħuh.

Madankollu huma kienu differenti f'xi ħwejjeġ. Aktarx li moħħ Lina kien għadu ta' tifla. Kienet dejjem taħseb f'meta, mgħaqqda ma' Twani, kellha tgħix ħajja ta' hena. Qatt ma għadda minn rasha li l-ġejjieni seta' jkun xort'oħra, jew jekk qatt ġieha dan il-ħsieb dejjem warrbitu malajr għax beżgħet minnu. Twani kellu aktar mid-dinja. Kien jaħseb li rnexxielu jaqbad ma' xebba sabiħa li, f'xi għawġ, setgħet tnissilu għommtu f'ħedla ta' hena. Għal Lina, Twani kien kollox; għal Twani Lina kienet xebba li fettillu għażel fost ħafna.

Saru għarajjes. Wasal sajf li kellu jqiegħed għall-prova l-kliem ħelu kollu li ntqal. Twani u Lina marru jqattgħu jum il-baħar. Kienet l-ewwel darba li marru weħidhom, u għalhekk ma kienx ta' min iħassarha. Aktarx li kien għalhekk li Lina ma qagħditx attenta bħas-soltu. Ma kienx iħossha ħiha, iżda għalfejn marru l-baħar jekk mhux biex igħumu?

U hekk il-jum beda għaddej, u x-xemx dejjem tielgħa u tiżreġ aktar. Twani, il-pjaċir tiegħu jara lil Lina taqbeż minn dak l-għoli kollu, isibha għal għarrieda u jgħaddasha, u hi għalxejn tagħmel ħilitha kollha biex tpattihielu. Fl-aħħar għajew, u ntelqu jixxemxu ma' ġenb xulxin fuq xatt ramli. Twani kien iħossu fis-seba' sema. Lina kienet ferħana, iżda bdiet tħoss bħal tektik ma jaqta' xejn f'rasha. Ma reditx tħassar il-ġurnata u kompliet sa ma dalam u reġgħet lura lejn darha mifluġa.

Sebaħ l-għada, iżda Lina ma qamitx bħas-soltu. Ħasset rasha tqila... ħasset ruħha mħeddla. Ommha, li dejjem kienet taħseb ħażin, bagħtet għat-tabib. Dan malajr ġie. Tqaħqiħa kerha ġagħlitu jaħseb li fil-kas kien hemm aktar milli jolqot l-għajnejn. Għalhekk dik il-lejla stess il-karrozza ta' l-isptar waslet. In-nies inġemgħu ma' dwarha, kulħadd igħid xi ħaġa.

"Kienet fl-aħjar tagħha" taqbeż waħda.

"U iva, tara kif mhux billi jkollok persuna sabiħa; is-saħħa kollox", qalet oħra li kellha bintha ta' ħamsa u għoxrin sena u ma riedha ħadd.

U hekk kulħadd qal tiegħu, tajjeb jew ħażin, sa ma' Lina, mgħottija b'kutra ġiet imrikkba fuq il-karrozza u ommha daħlet imbikkija ħdejha. Il-karrozza telqet u għabet fi sħaba trab, fil-waqt li xi erba' nisa baqgħu jlabalbu ma' xulxin, jerfgħu salib ħaddieħor u jitkażaw.

Dak in-nhar Twani ma sabx wiċċ daħkani jistennieh f'dar Lina. L-omm kienet imdejqa, u s-swied ta' qalb li kellha mela d-dar kollha. Ma setgħetx ma toħroġx xi tneħida.

"Eh, intom iż-żgħażagħ kemm għandkom moħħ ir-riħ. Ma taħsbu xejn; ara x'ġibtu b'idejkom. Xemxata bħal dik; tista' tibqa' taħtha". Twani farragħha mill-aħjar li seta' u wegħidha li jmur jara lil bintha spiss.

Meta seta' mar sa l-isptar fejn ħadu lil Lina, iżda stagħġeb mhux ftit meta ma seta' isibha mkien. Mar fuq tabib u staqsih jekk dak kienx l-isptar li fih inġiebet xebba, il-jum ta' qabel, b'xemxata fuqha. It-tabib intebaħ għal min kien qiegħed igħid u b'sogħba kbira għarrfu li Lina ma kellhiex biss xemxata, iżda għal xi żmien qabel kienet marida b'sidirha. Huma bagħtu igħarrfu d-dar tagħha li ħaduha minn dak l-isptar għal sptar ieħor.

Din l-aħbar ħasdet lil Twani. Hekk mod ieħor. X'ser jagħmel? Għal jumejn baqa' bejn ħalltejn; imbagħad waslitlu

ittra minn għand Lina. Mar fil-ġnien fuq il-bank bħal dari u bl-ittra f'idu qagħad jaħseb. L-ittra kienet l-istess bħall-kliem li kemm-il darba qalu 'l-xulxin, biss issa kien hemm miżjuda talba biex meta jkun jista' jasal wasla sa l-isptar. Twani qara l-ittra għal darba tnejn, u qagħad jiżen x'kien l-aħjar li jagħmel. Iħalliha?! Issa l-aktar li kellha x'tambih? Jew jaħseb fih innifsu l-ewwel u jagħżel xebba f'saħħitha? Dak il-ħin kienet qiegħda ssir taqtigħa fih bejn l-idealiżmu li bih dakkritu Lina, u l-għaqal tad-dinja li kiber miegħu.

Ma nafx jekk kienx jasal f'xi konklużjoni kieku ma ħabtitx għaddejja minn ħdejh Polly, xebba ħabiba tiegħu.

"X'għandek kemm int imħasseb, Twan? Jaqaw ħallietek?" Twani għolla rasu maħsud u meta ntebaħ min kellmu wieġeb b'nofs daħka.

"Ara! X'hemm Polly? Tassew ninsab imħawwad. Ma nafx x'naqbad nagħml."

"Nista' ngħinek?"

"Min jaf! Ara daqsxejn kif qiegħed........." u beda jgħidilha kull ma ġara. Sa dan it-tant, Polly poġġiet bil-qiegħda, sieq fuq sieq, ħdejh u qagħdet tħares bil-ħlewwa f'wiċċ Twani. Xi minn daqqiet kienet titħarrek ftit biex turi persunitha aħjar. L-aħħar biċċa ta' l-istorja ma jafx kif qalha Twani. Moħħu ma kienx f'Lina imma f'Polly li issa kienet kważi tmiss miegħu, b'mod li n-nifs sħun ta' mnifsejha kien qiegħed iħossu fuq wiċċu. Meta temm l-istorja, Twani baqa' għal ftit iħares ċass lejn Polly li kienet tħares ċass lejh ukoll. F'waqt wieħed sabu ruħhom mitlufin f'tgħanniqa, jitbewsu. Is-swaba' ta' Twani tilfu l-qabda tagħhom fuq l-ittra ta' Lina, li waqgħet fit-trab mirfusa. Dawk l-istess swaba' ħaddnu mbagħad aktar lil Polly. Meta nħallu minn xulxin baqgħu ssummati. Twani tefa' xagħru lura b'idu, lemaħ l-ittra fl-art u ġabarha. Ħares minn taħt il-għajn lejn Polly, u għajnejha staqsewh:

"Għandix il-ħila ntik iktar milli tlift?"

Twani dawwar l-ittra f'idu għal mument, imbagħad bil-mod qattagħha. Dak in-nhar, f'inżulha, ix-xemx dawwlet bank tal-ġebel vojt b'xi karti mqattgħin taħtu jitħarrku maż-żiffa.

Għaddew tliet xhur minn din il-ġrajja. F'kamra mdaqqsa, għad-dawl imtaffi tal-bozza, kienet tidher mimduda fuq sodda Lina. Fuq rasha kien hemm salib żgħir iswed b'dellu mifrux tawwali fuq il-ħajt. Ma' dwarha kien hemm soru, patri u tabib,

li b'ħeffa u bil-kwiet, kienu qegħdin jitħabtu mal-mewt. U Lina qisha m'hi tintebaħ b'xejn; wiċċha kien sbuħija bla ħajja; il-wardiet ta' ħaddejha qishom dbielu u sfaru; xofftejha kienu miftuħa fi tbissima kiebja; għajnejha mbexxqin kienu jħarsu ċassi quddiemhom. F'nofs il-kamra, fuq mejda kien hemm važett bil-fjuri. F'dak id-dawl dehru suwed b'xi sinjal imlewwen 'l hawn u 'l hinn. Għajnejn Lina kienu msammrin hemm. Werqa minn warda midbiela waqgħet fuq il-mejda......... Lina għalqet għajnejha.

EVARIST SALIBA

---

# Fuq il-Mewt ta' Manwel Camilleri

(Għereq f'Ħondoq ir-Rummien,
fit-30 ta Ottubru, 1948)

*Inħsadt, inxift, minn ġewwa nqtajt x'ħin smajt*
*Li dik id-dgħajsa li kont fuqha int*
*Għal Għawdex sejjer, għerqet b'ħafna nies,*
*X'ħin kont nisseħem f'Għid Ġesù Sultan.*
*Sogħob bija ħafna li ħallejt għad-Dwiem*
*Lil ħbiebek li ħabbejt, għożżejt, weġġaht*
*Daqs ħutek.*

*Tal-Hniena ġie Dun Ġorġ nhar Għid l-Imwiet...*
*Bħar-riħ ta' Frar tajjarli s-swied il-qalb,*
*Għax 'il fuq tlajt, nebbaħna, fis-smewwiet,*
*Mal-Quddisin tithenna bil-Hallieq.*
*Għaddejt lejl sħiħ nitħasseb fuq il-mewt*
*Li ħadet lilek minn fuq wiċċ din l-art,*
*U jiena l-għarqa tiegħek ġibt quddiem*
*Għajnejja.*

*Stħajjiltek q'għed titħabat mal-mewġiet*
*Biex teħles minn qillithom lil xi ruħ,*
*Għax naf li ħajtek 'l għajrek tajt; stħajjilt*
*Li miegħu niżżlek bniedem f'qiegħ l-għammieq.*
*Il-bniedem kulma jiżra' hawn f'din l-art,*
*Dak kollu jaħsad fil-ġejjiena, kif*